

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAT-TKABBIR (ELARG)**Pubblikazzjoni għal post battal għal Deputat Direttur Ġenerali (Grad A*15)****(Artikolu 29(2) tar-Regolamenti ta' l-Istaff)****COM/2006/10016**

(2006/C 14 A/02)

Il-Kummissjoni qiegħda tfittex li taħtar Deputat Direttur Ġenerali fid-Direttorat Ġenerali għat-Tkabbir (DĠ ELARG).

Deskrizzjoni sħiħa tax-xogħol, kriterji ta' għażla u dettalji ta' l-applikazzjoni jinsabu fis-sit

http://europa.eu.int/comm/dgs/personnel_administration/working_senior_mgt_en.htm

L-uffiċjal għoli se jintgħażel u jinħatar mill-Kummissjoni skond il-proċeduri ta' għażla u ta' impjieg tagħha. Il-pagi u l-kondizzjonijiet ta' impjieg huma dawk stipulati fir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej bil-grad A*15. Il-Kummissjoni tapplika politika ta' opportunitajiet indaq.

Sabiex ikunu eliġibbli l-kandidati għandhom:

- ikunu ċittadini ta' wieħed mill-għaxar Stati Membri l-ġodda ta' l-Unjoni Ewropea (Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja, is-Slovenja);
- ikollhom grad universitarju li jagħti aċċess għal studji li jwasslu għal Dottorat;
- ikollhom għallinqas 12-il sena esperjenza professjonali post-grad fuq livell li l-kwalifiki msemmija hawn fuq jagħtu aċċess għalih kif ukoll għallinqas sitt snin fuq livell għoli ta' maniġment;
- ikollhom għarfien sħiħ ta' waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u għarfien xieraq ta' lingwa uffiċjali oħra.

Jekk trid tapplika, għandek tinkiteb permezz ta' l-internet billi tmur fuq il-websajt

http://europa.eu.int/comm/dgs/personnel_administration/seniormanagementvacancies/index_en.html u timxi ma' l-istruzzjonijiet li jikkonċernaw l-istadji varji tal-proċedura. Jekk jogħġbok innota li jrid ikollok indirizz postali elettroniku; dan se jintuża biex tiġi identifikata r-reġistrazzjoni tiegħek.

Id-data ta' l-għeluq għar-reġistrazzjoni hi **l-20 ta' Frar 2006**. Reġistrazzjoni online mhijiex se tkun possibbli wara 12: 00 nofsinhar, ħin ta' Brussell.